**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 3930/2022**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Khalil Al Hussein**

**<u>Illum 21 ta' Novembru 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Khalil Al Hussein** detenur tal-karta tal-identita Maltija **145487A** akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fit-18 ta' Marzu 2022, ghall-habta ta' 9:00hrs fi Triq Tal Barrani Zejtun u f'toroq ohra fl-istess inhawi waqt li kien qed isuq vettura tal-ghamla 'Mercedes Benz' bin-numru ta' registrazzjoni MTS 111:

1. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera perikoluza.
2. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera traskurata.
3. Saq l-imsemmija vettura b'manjiera bl kont.
4. Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura fi triq li hija regolata b'sinjali ta' dawn tat-traffiku ta' vettura nqast milli tieqaf meta d-dawl kien qed jixghel kulur ahmar.

5. Waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura ghamel U turn f'post ipprojbit.
6. Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan.
7. Saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assikurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuna.
8. U aktar talli bezaq, xi sustanza jew nehha mahta mill-imnieher, jew halla jew iddeposita exkreta materjali tal-bniedem, inkluz vomtu, cioe arwina ghal fuq it-triq jew f'post pubbliku.
9. Ghamel atti jew gesti oxxeni jew b'xi mod iehor li mhux provdut fil-Kodici Kriminali Kap 9, offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika.
10. Naqas milli jobdi l-ordnijiet legittimi lilek mill-Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiet billi ma hallejthomx jaghmlu jew hassart dak li kienu qed jaghmlu.

II-Prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna jigi skwalifikat milli jzomm jew jkollu ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu taz-zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti  tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' Marzu,2024, sabet lill-imputat mhux hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjoni u illiberatu minnhom  sabitu hati tal-akkuzi l-ohra u cioe it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba (4) , il-hames (5), is-sitt (6), is-sebgha (7), t-tmien (8) , d-disgha (9) u l-ghaxar (10 akkuza u ikkundannatu jhallas multa ta' elfejn sitt mitt Ewro (Ewro 2,600).

B'zieda mal-piena il-Qorti applikatd-disposizzjonijiet tal-Art 3(2A) tal-Kap 104 u tal-Art 15 (3) tal-Kap 65 u skwalifikatu milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien ta' tnax-il xahar u sittax-il gurnata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Khalil Al Hussein preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' April,2024,   fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- Tirrevoka u thassar is-sentenza appellata fejn sabitu hati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-raba (4) ,tal-hames (5), tas-sitt (6), tas-sebgha (7), tat-tmien (8) , tad-disgha (9) u tal-ghaxar (10) akkuza  u konsegwentament tilliberah minn kull htija u piena u tikkonfermaha f'dik il-parti tas-sene4nza fejn iddikajrat li ma

kienitx qed issib lill-appellant hati ta l-ewwel (1) u tat-tielet (3) akkuza u illiberatu minnhom

- B' mod alternattiv, in vista tal-fatti u l-provi kif esposti taghti piena aktar idoneja ghall-kaz in kwistjoni billi tirriduci jew tirrevoka s-sospensjoni ta' kull licenzja tas-sewqan u/jew il-multa.

**Illi l-aggravji huma ċari u manifesti;**

**L-ewwel Agravvju- Apprezzament tal-provi fid-dawl tal-ligi fuq il-materja u l-oneru tal-prova li wiehed irid isegwi meta jitlaq mill-pajjiz.**

Il-ligijiet rilevanti ghal vertenza odjerna fl-opinjoni umli tal-appellant huma is-segwenti:

Kap 65 Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat nuliku tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15.(1) Kull min;

(a) isuq vettura bil-mutur jew vettura ohra mingħajr liċenza tas-sewqan jew vettura bil-mutur jew vettura ohra li ma jkollhiex liċenza, jew isuqha b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni, jew b'mod perikołuż, iżda matkun meħtieġa ebda liċenza dwar bicycle:

Kif ukoll il-Kap 104 Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni tal-Mutur dwar ir-Riskji tat-Terzi tal-Ligijiet ta' Malta

3.(1) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, hadd ma jista' juża jew iġiegħel jew ihalli lil persuna ohra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-ohra, skont il-każ, ma tkunx

issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza.

(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza (al-assigurazzjoni fis-sehh skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni mahruġ taħt l-artikolu

4(4).Legislazzjoni Sussidjarja 65.18 LICENZI GĦAS-SEWQAN TA' VETTURI BIL-MUTUR L.S.65.18

"licenzja tas-sewqan valida" tfisser licenzja tas-sewqan mahruġa jew mill-Awtorità, skond id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew maħruġa minu pajjiż ichor li jkun rikonoxxut mill-Awtorità, u sakemm dik il-liċenza -

(a) ma tkunx ġiet sospiża, mehuda lura jew kanċellata, (b) tkopri l-kategorija tal-vettura li tkun qed tinsaq, u

(é) tkun użata mill-possessur tagħha skond xi kundizzjonijiet li jkun hemm fil-lićenza tas-sewqan.

Regolament 5. Id-detentur ta' liċenza tas-sewqan mahruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż terz jista' jsuq Malta, ghal perjodu li ma jkunx iżjed minn Inax-il xahar mid-data minn meta huwa jkun dahal l-ahhar 'Malta, kuli klassi jew deskrizzjoni ta' vettura koperta mil-liċenza tas-sewqan mahruġa lilu mill- awtorità kompetenti dak il-pajjiż terz:

Iżda d-detentur ta' liċenza tas-sewqan mahruġa minn awtorità kompetenti pajjiż terz ma jkunx jista' jsuq vetturi fil-kategoriji ta'liċenza C1, CIE, C, CE, DI, DIE, D, DE jew f jekk dik il-persuna ma jkollhiex ukoll ċertifikat ta' kompetenza professjonali mahrug skondir-regolament 29 jew jekk dik il-persuna ma tkunx sewwieq eżentat skond ir-regolament 28.6

Illi ma hemmx kontestazzjoni li l-imputat kien qed isuq il-vettura de quo fid-data, il-hin u fic-cirkostanzi imnizzla fic-citazzjoni. Lanqas jidher li il-prosekuzzjoni u I-Ewwel Onorabbli Qorti qed jikkontendu li huwa ma kellux licenzja valida internazzjonali, mahrug minn pajjiz terz, ossija is-Sirja li kienet valida u li kienet vigenti meta twaqqaf. Ma jidhirx lanqas li hemm kontestazzjoni li l-polza ta' assikurazzjoni kienet wahda valida u kienet tkopri lill-appellant kieku kellu licenzja Maltija mahruga minn-Transport Malta.

Jidher li l-unika kontestazzjoni li hemm huwa il-fatt li l-applellant ma irnexxilux jipprova li huwa kien ilu anqas minn tnax-il xahar fil-gzejjer Maltin minn meta huwa jkun dahal l-ahhar biex b' hekk seta' terga' tiskatta il-possibilita' li juza ghal tnax il-xahar iehor il-licenzja internazzjonali Sirjana ezebita in atti. L-Ewwel Onorabbli Qorti iddikjarat:

'Stante illi l-imputat ma kienx ilu Malta ghal izjed minn sena qabel id-data tal-akkadut, prova illi kellha tingieb mid-difiza u mhux mill-prosekuzzjoni.

L-appellant jikkontendi li l-Ewwel Onorabbli Qorti erronjament spustat il-prova tal-prezenza tal-appellant fil-pajjiz fuqu, prova li hu jemmen li kienet mill-bidu sal-ahhar fuq il-prosekuzzjoni. Ma hemm xejn fil-ligi li jgħid li hu kellu jipprova tali prezenza. Anzi in linea generali l-appellant ma jrid jipprova xejn sakemm mal-ligi ma tipprovdix xort ohra. In ogni caso, irid jinghad li l-appellant xhed quddiem l-Ewwel Qorti u

afferma li matul dawn l-ahhar disa' snin li ilu Malta bhala persuna li ghandu protezzjoni umanitarja, johrog u jidhol mill-pajjiz frekwentement u jmur f pajjizi tal-Unjoni Ewropea fosthom l-Italja. Huwa jrid ifakkar li meta wiehed jidħol u johrog minn zona Schengen il-passpart ma jigix ittimbrat u allura meta ratu il-Qorti kellu biss li (1-2024 kien mar I-Iraq."

L-appellant jikkontendi li jekk allura ir-regolament 5 tal-A.L. 65.18 ma kienx japplika ghalih ghal kaz odjern tali prova li huwa kien ilu Malta b' mod konsekuttiv għal aktar minn sena u allura dik il-licenzja internazzjonali Sirjana ma kienitx tapplika, allura kien jispetta li l-prosekuzzjoni tagħmel din il-prova.

L-appellant jghid li kontro-ezami fuq dan il-fatt ma sarlux mill-prosekuzzjoni u allura id-dikjarazzjoni guramentata tieghu tagħmel prova tajba u skond il-ligi. Allura irnexxilu jipprova fuq bazi ta' probabilita' li hu kien Malta ghal perjodu anqas minn sena minn meta dahal I-ahhar u b' hekk seta' liberament isuq vetturi normali, konsegwentement hu kellu licenzja valida ai termini tal-ligi. B' hekk kien kopert bl-assikurazzjoni prezentata in atti ladarb hu ghandu aktar minn 25 sena u kien awtorizzat min sid il-karozza. B' hekk anki l-assikurazzjoni kienet valida. Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs Mohammed Alnaser (App. Nru. 363/2016) deciz mill-Qorti tal-Appell nhar it- 3 ta' Lulju 2020 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima intqal is-segwenti fuq materja simili:

'Illi allura kien fid-dmir tal-appellant illi jipprovdi lil pulizija meta hekk mitlub jaghti il-licenzja tas-sewqan tieghu Sirjana sabiex jigi stabbilit jekk dik kenitx ghadha wahda valida sabiex tintuza f'Malta, haga li l-appellant naqas milli jagħmel u b'hekk | infrazzjoni tal-ligi tirrizulta. 10

Fil-kawza **<u>Il-Pulizija vs Plamen Zhelyozkov Petkov</u>** (Appell Kriminali Nru. 193/2006) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it- 2 ta' Novembru 2006 per Onorevoli Imhallef Joseph Galea Debono:

'Illi fil-kaz in ezami l-appellant ma ressaq ebda prova quddiem l-Ewwel Qorti biex jipprova li hu kellu licenzja tas-sewqan estera w li kien kopert b' xi polza ta' assikurazzjoni - anki estera - biex isuq dik il-car. Mhux bizzejjed li jaccenna ghal din il-possibilita' kif ghamel fir-rikors tal-appell tieghu. imma jinkombi fuqu li jgib il-prova ta' dan, ghal menu sal-grad tal-probabbli'

Fil-kaz odjern kif diga' inghad hu ipproduca il-licenza internazzjonali Sirjana u din hija parti integrali mill-atti u ma hemmx kontestazzjoni fuqa. Dan il-fatt ma giex attakkat bl-ebda mod, kif ma gietx attakkata l-assikurazzjoni. Fil-kawza II- Pulizija vs Felicjan Mallia (App. Nru. 465/2022) deciza mill-Qorti tal-Appell per Onorevoli Imhallef Aaron Bugeja nhar is- 27 ta' Lulju 2023 intqal:

'40. Persuna tkun tista' tagħmel użu minn vettura skont din il-Liġi jekk għal dik il-vettura partikolari tkun maħruġa polza tal assikurazzjoni li tkopri riskji ta' terzi persuni u liema persuna tkun ukoll taqa' f'dik il-katerogija partikolari ta' persuni li skont l-istess polza jkunu jistgħu jaghmlu użu mill-vettura, bhal per eżempju fejn dik il-polza tal-assigurazzjoni tkun inħarġet fuq dik il-vettura biex tkun tista' tinstaq minn kwalunkwe sewwieq, jew kategorija ta' sewwieqa li jkollhom iżjed minn eta speċifika'.

Il-prosekuzzjoni naqset li iggib l-kumpanija assikurattrici li kienet ben maghrufa biex tikkontradici id-dokument pprezentat in atti jew biex tixhed u tiddikjara li persuna b' licenzja ta' pajjiz terz ma kienitx koperta. Din il-prova, ladarba 1- kumpanija assikuratrici kienet maghrufa, se mai, kienet tispetta lill- prosekuzzjoni.

Dunque, dak li kellu jipprova huwa fuq bazi ta' probabbilita', tal-anqas, gie fl- opinjoni umli tieghu ippruvat sodisfacentement mill-appellant.

Ghaldaqstant, l-appellant jemmen li ghandu jigi liberat miz-zewg akkuzi fil- konfront tieghu.

**It-Tieni Aggravju- Piena.**

Bla pregudizzju ghal dak diga sottomess fl-aggravju i-iehor ghandu jinghad f dak li jirrigwarda piena illi huwa juza il-vettura tieghu ghax-xoghol ta' kuljum. Huwa self-employed bhala kuntrattur zghir u allura ikun irid imur ghand il- klijenti biex jieħu il-keji u jagħmel kwotazzjonijiet. Barra minn dan bhala parti mix-xoghol tieghu hu jghabbi ukoll materjal fil-vetturi tieghu. Minghajr vettura dawn it-tnax-il xahar u fuqhom huwa mhux ser ikun jista' jahdem u dan bi tbatija lill-familtu li ma tahti xejn.

Ghaldaqstant l-appellant jemmen bis-shih ghandu jkun hemm temperament fil- piena u huwa jitlob il-klemenza ta' din l-Onorabbli Qorti F dak li jirrigwarda 1- licenza tas-sewqan u dan fid-dawl ta' dak li kienet qalet u osservat II-Qorti tal- Appell Kriminali fil-kawza Il-Pulizija vs Darren Camilleri (Appell Kriminali Nru. 332/2005) deciz fil-11 ta' Ottubru 2005 per Onorevoli Imhallef David Scicluna.

'Is-sejbien ta' htija skond is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 104 inissel ukoll bhala konsegwenza l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu ta' tnax-il xahar b'dan li l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni illi f'certi cirkostanzi li hi tqis bhala ragunijiet specjali tnaqqas jew izzid mill perijodu ta' skwalifika, jew taghti kull ordni ohra, cioe' li anke addirittura ma tapplikax tali skwalifika'.

L-appellant ihoss li ghandu finalment ukoll jagħmel referenza ghall-insenjamentli hemm fis-sentenza **<u>II-Pulizija vs Joseph Galea</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it- 3 ta' Novembru 1995 per Onorevoli Imhallef Vincent De Gaetano:

*'L-unika rimedju li tiprospetta il-ligi hu li jekk il-Qorti tar diversi infrazzjonijiet f kawzi separati kellhom jigu tratti bhala reat kontinwat f kawza wahda, il-Qorti ghandha timmodera u tadegwa l-piena ghae- cirkostanzi'*.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Ottubru 2024 fejn stqarr li ma hux qed jaqbel mal-appellant fuq dak rilevat minnu fir-rikors tal-appell tieghu u dan ghar-ragunijiet hemm imsmmija li ser jigu trattati f'din is-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti eesbiti fl-atti.

Rat il-provi mressqas mill-partijiet

**Ikkunsidrat**.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jitratta l-apprezzament tal-provi li fil-fehma tieghu ma sarx korrett mill-ewwel Qorti. Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti  setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

**Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi** deciza fl-14 ta' Frar, 1989;

**Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace** deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;

**<u>Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul</u>** deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;

**<u>Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech</u>** deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;

**Il-Pulizija v. Carmelo Schembri** deciza fit-28 ta' April, 1995;

**<u>Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed</u>** deciza fit-3 ta' Novembru, 1995;

u **<u>Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef</u>** fit-18 ta' Marzu, 2010;

kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex jghaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Rat l-affidavit ta' **PC 78 L. Grima** mahluf nhar it-23 ta' Marzu 2022 fejn stqarr li nhar it-18 ta' Marzu ghal habta tad-9.00 waqt li huwa flimkien ma' PC 81 mit-taqsima tat-traffiku kienu qedin fuq ronda gewwa triq tal-Barrani, Zejtun innutaw vettura bin-numru ta' registrazzjoni MTS 111 tal-ghamla Mercedes taghmel U-turn minn Triq tal-Barrani, direzzjoni Zejtun ghal Triq tal-Barrani direzzjoni Santa Lucia.

Meta saqu ghal wara din l-imsemmija vettura bid-dawl blue mixghul regghu nnutaw li kien qed jikser regolamenti tat-traffiku ghaliex baqa' ghaddej fuq l-ahmar tat-traffic lights. L-imsemmija vettura giet avvicinata u giet imwaqfa gewwa Triq Dawret it-Torri, Santa Lucia.

Gie mitkellem ix-xuffier ta din il-vettura fejn gie identifikat bhala Khalil Al Hussein u dan mill-ewwwel gharaf li kien zbalja. Is-sur Hussein gie mistoqsi ghal licenzja tas-sewqan tieghu fejn dan gharrafhom li kien ghadu ghamel biss it-teorija. Is-sur Khalil gie moghti karta tad-drittijiet tieghu u gie nfurmat li ma jsitax jsuq din il-vettura ghaliex ma kellux licenzja tas-sewqan kif ukoll ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Is-sur Khalil informa sid il-vettura certu Giuseppe Busuttil biex jigi fuq il-post u jsuq l-vettura hu. Is-sur Khalil meta kien fil-kumpanija taghhom talab li

jaghmel toilet mal-hajt u huma taw ordni li ma setghax jghamel hekk f'post pubbliku izda wara ftit ddecieda li jinjora din l-ordni u mar jaghmel xorta.

Giuseppe Busuttil baghat lil Silvio Galea biex isuq il-karozza hu fejn dan ta' l-ahhar pprezenta licenzja tas-sewqan valida. Is-sur Giuseppe Busuttil gie infurmat li ser jinhargu akkuzi fil-konfront tieghu ukoll ghaliex ppermetta persuna ssuq vettura minn tieghu minghajr ma kien sigur b'polza ta' assigurazzjoni kif ukoll ma kellux licenzja tas-sewqan.

Rat l-affidavit ta' **PC 81 L. Muscat** mahluf nhar it-23 ta' Marzu 2022 fejn kkonferma dak kollu li kien qal ix-xhud precedent u cioe PC 78 L. Grima

Rat il-PIRS report esebit mill-ufficcjal prosekutur fis-seduta tas-16 ta' Mejju, 2023 liema rapport gie redatt minn PC 81 Luke Grima u fih jinsab ix-xhieda moghtija minn l-istess ufficcjal fl-affidavit tieghu.

Rat li Giuseepe Busuttil ghazel li ma jixhedx sabiex ma jinkriminax ruhu kif kellu kull dritt.

Rat l-affidavit ta' **Stepehen Cachia** in rappresentanza ta' Transport Malta fejn stqarr li minn indagni li ghamel fir-rekords ta' Transport Malta irrizulta li Khalil Al Hussein fit-18 ta' Marzu, 2022 ma kellu l-ebda kategorija ta' licenzja tas-sewqan Maltija. Qal li ottjena tali licenzja fil-11 ta' Mejju, 2022. Illi dan ix-xhud rega xhud quddiem din l-Onorabbli Qorit nhar il-5 ta' Settembru, 2024 u kkonferma dak kollu li kien qal fl-affidavit tieghu.

Zied jikkonferma li l-vettura tal-ghamla Mercedes numru ta' registrazzjoni MTS 111 kienet registrata fuq Giuseppe Busuttil u ilha hekk registrata mit-30 ta' Ottubru 2020.

Rat li l-appellant flimkien ma Kenneth Pace kienu xehdu quddiem l-ewwel Qorti nhar is-26 ta' Marzu 2024 izda ix-xhieda taghhom ma kienitx inserita fl-atti. Rat dak li gie verbalizzat quddiem din il-Qorti nhar it-18 ta' Lulju 2024 li x-xhieda msemmija ma gietx *recorded* fl-atti u ghalhekk l-Qorti ordnat li jergghu jixhdu mil-gdid quddiem din il-Qorti.

Nhar il-5 ta' Settembru 2024 xehed **Kenneth Pace** quddiem din il-Qorti u kkonferma li l-appellant kien issottometta l-applikazzjoni tieghu sabiex jinghata licenzja tas-sewqan nhar id-9 ta' Dicembru 2019 u dan biex igib *learner plate* ghal kategorija B nhar il-11 ta' Mejju, 2022 kien ghadda mit-test u ghalhekk inghata l-licenzja tas-sewqan dakinhar stess. Ghalhekk dan ifisser li qabel Mejju 2022 l-appellant ma kellux licenzja Maltija tas-sewqan. Qal ukoll li kellu nota fil-file relattiv li l-appellant kin qed jipprova jbiddel il-licenjza tas-sewqan tieghu minn Griega ghal Maltija pero l-licenzja Griega ma dehritx genwina u ghalhekk zammewha.

Rat ix-xhieda tal-appellant **Khalid Al Hussein** moghtija nhar il-5 ta' Settembru 2024 quddiem din l-istess Qorti. Jghid li huwa cittadin tas-Sirja u kien ilu Malta madwar ghaxar snin jahdem bhala bajjad u jiksi. Qal li ghandu subsidiary protection status hawn Malta. Jista' jorog minn Malta b'mod liberu u dan permezz ta' dokument partikolari li nghatat lilu mill-awtoritajiet Maltin.

Muri id-dokument esebit fl-atti a fol 27 f'kawza ohra fl-istess ismijiet li kienet qed tinstema kontestwalment u jghid li dik hija licenzja tas-sewqan mahruga minn Damascus Sirja bl-interpretazzjoni maghmula mill-Minsiteru tal-Affarijiet Barranin. Qal li huwa johrog mill-pajjiz anke minhabba ragunijiet ta' xoghol meta jgib mieghu materjal konness mas-sengha tieghu. Qal li huwa johrog mill-pajjiz darbtejn jew tlieta fis-sena. Mistoqsi jghid kemm il-darba hareg minn Malta fil-perijodu ta' bejn 2021 u 2022 jghid li johrog kemm il-darba ghaliex barra mill-pajjiz ghandu lill-familtu u uliedu. Gieli jitlaq bl-ajru u gieli bil-karozza mal-hbieb bil-catamaran. Meta wasal Malta ma bedhiex isuq mill-ewwel ghaliex ma kellux finanzi biex jixtri karozza. Izda wara hames snin li kien ilu Malta xtara karozza u beda isuq. Qabel ma ottjena l-licenjza tas-sewqan Maltija kien juza il-licenzja tieghu Sirjana. Mistoqsi jesebixi xi dokumenti biljetti tal-ajru xi emails bi prenotazzjonijiet dwar it-titjiriet tieghu f'dawn l-ahhar hames snin jghid li ma jzommhomx.

Huwa ghamel referenza ghal licenzja tieghu tas-sewqan mahruga mis-Sirja fit-2 ta' April 2018 u ghal polza ta' sigruta mahruga fuq l-vettura MTS 111 mis-socjeta Mapfre

Middle Sea Insurance li kienet tkopri l-prijodu tat-18 ta' Marzu 2022 u tghalaq fit-23 ta' Settembru 2022 u ghalhekk jikkontendi li kien qed isuq skond il-ligi

**Ikkunsidrat ulterjorment,**

L-appellant instab hati tat-tieni akkuza u cioe ta' sewqan traskurat. Jirrizulta mix-xhieda moghtija minn PC 78 L Grima u PC 81 L Muscat li nhar it-18 ta' Marzu 2022 l-appellant ghamel U-turn bil-vettura li kien qed isuq tal-ghamla Mercedes MTS 111 fi Triq tal-Barrani, Zejtun ghat Triq tal-Barrani direzzjoni Santa Lucia u kienet din il-manuvra li gieghelet lill-pulizija isegwuh. Mhux talli hekk izda minkejja li kellhom id-dawl mixghul blue u kienu qed isuqu warajh dan ma waqafx u saq fuq id-dawl ahmar.

Is-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell preseduta minn Prim Imhallef Silvio Camilleri nhar l-4 ta' Frar 2011 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Andre Apap** il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza ta' dik il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud** [1]tas-6 ta' Mejju 1997 fejn inghad:

> *"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat*

Dwar din l-allegazzjoni maghmula minn dawn iz-zewg ufficjali tal-pulizija l-appellant ma jghid xejn fix-xhieda tieghu. Ix-xhieda taghhom fl-ebda hin ma giet kontestata u ghalhekk is-sewqan tal-appellant fil-kwadru kif spejgat minn dawn l-ufficcjali

[1] Vol. LXXXI.iv.157

jammonta ghal sewqan traskurat u ghalhekk kienet korretta meta l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' din l-akkuza.

Fir-rigward tar-raba' akkuza u cioe li l-appellant saq fi Triq li kienet regolata bi sinjali ta' dawl tat-traffiku ta' vetturi u naqas li jieqaf meta id-dawl kien qed jixghel ahmar jinghad li din l-akkuza tirrizulta bic-car mix-xhieda ta' PC 78 L Grima u PC 81 L Muscat li ma gietx kontestata. Harsa lejn sinjali bid-dawl li jikkontrollaw it-traffiku fil-Highway code jipprovdu fir-regolament 48 li '*Ahmar ifisser ieqaf. Stenna wara l-linja fejn ghandek tieqaf fuq il karreggjata.* Dan l-appellant ma ghamlux u ghalhekk din r-raba' akkuza ghalhekk ukoll tirrizulta ben provata kif tajjeb iddecediet l-ewwel Qorti.

Fir-rigward tal-hames akkuza l-appellant instab hati tallu ghamel U-turn f'post ipprojbit. Issa, l-manuvra ta' "U-turn" hija delikata li tista' pero' ssir, basta ssir fejn u meta tista' ssir u kif ghandha ssir. Fil-ktieb "**Driving: The Department of the Environment Manue**l[2]" taht "U turn[3]" insibu dan :

> *"making a U turn : this means turning your car right round in the width of the road. U turns are prohibited on motorways and in one way streets and on some other roads where there will be a sign to tell you of the prohibition. If you apply our four test questions about safety, convenience, lawfulness and your own ability you will see that a U turn is not something you can do all that often. Nevertheless, there are places where you can do it – and with some saving in time – such as little used wide roads, or other quiet roads if your car is small or has an unusually small turning circle. But always remember that this is a manouver which other drivers do not ordinarily expect, so the safe routine of mirror signal manouver is particularily important.*[4]"

[2] edizzjoni 1972
[3] pp. 118/119
[4] Il-Pulizija vs Dion Barberi App.Inf. 04/02/2011

Illi l-Qorti, konformi ma dak mistqarr mill-Ewwel Qorti, hija tal-fehma illi manuvra bhal din l-appellant ma setax jaghmel. Illi certament U-turn fi triq maggura u traffikuza hafna ma tista' qatt titqies konformi mar-regolamenti tat-traffiku anke jekk il-linja bajda f'nofs it-triq ma kinitx wahda kontinwa, u anke jekk is-sewwieq ikun esplora it-triq sew qabel ma dawwar. Dan ifisser illi sewwieq li ser jaghmel U-turn ghandu jara dak kollu li qed jigri madwaru u fuq kollox allura dak li kien qed jigri immedjatament quddiemu, fil-gnub tieghu u mac-cirkonferenza kollha tal-vettura u dan hekk kif jibda b'din il-manuvra. F'dan il-kaz ma ghandna xejn minn dan tant li l-appellant fix-xhieda tieghu lanqas jaghmel referenza ghal din l-akkuza moghtija fil-konfront tieghu u  ghalhekk il-gudizzju milqugh mill-ewwel Qorti fir-rigward ta' din l-hames akkuza tirrizulta provata ukoll.

Fir-rigward ta-sitt akkuza jigi rlevat li l-appellant instab hati mill-ewwel Qorti li saq il-vettura tal-ghamla Mercedes numru ta' registrazzjoni MTS 111 nhar it-18 ta' Marzu 2022 fi Tal Barrani, Zejtun meta ma kellux licenzja tas-sewqan u li ma kienx kopert bi polza ta' sigurta fost akkuzi ohra. Illi ma hux kontestat li l-appellant kellu licenzja tas-sewqan mahruga mis-Sirja u dan fit-2 ta' April 2018 u li l-vettura MTS 111 kienet koperta bi polza ta' sigurta fil-jum tal-allegat incident.  Dak li hu kontestat bejn il-partijiet hu jekk l-appellant setax isuq hawn Malta bil-licenzja Sirjana tieghu stante li kien ilu hawn Malta ghal diversi snin.

Illi skond il-ligi kif fuq imfisra u cioe L.S.65.18 regolament 5;-

> *Id-detentur ta' liċenza tas-sewqan mahruġa minn awtorità kompetenti f'pajjiż terz jista' jsuq f'Malta, għal perjodu li ma jkunx iżjed minn tnax-il xahar mid-data minn meta huwa jkun dahal l-ahhar Malta, kull klassi jew deskrizzjoni ta' vettura koperta mil-liċenza tas-sewqan mahruġa lilu mill- awtorità kompetenti f'dak il-pajjiż terz:*

L-Ewwel Onorabbli Qorti iddikjarat lill-appellant hati ta sewan bla licenzja ghaliex l-appellant ma irnexxxilux jipprova li *ma kienx ilu Malta ghal izjed minn sena qabel id-data tal- akkadut, prova illi kellha tingieb mid-difiza u mhux mill-prosekuzzjoni.*

Jidher ghalhekk kif tajjeb fisret id-difiza li l-ewwel Qorti dawret l-*onus* tal-prova minn fuq l-prosekuzzjoni ghal fuq l-appellant li jipprova li ma kienx Malta ghal perijodu shih ta' sena qabel ma nqabad isuq il-vettura bil-licenjza Sirjana. Id-difiza tghid li dan hu skorett ghaliex il-ligi ma tipprovdi l-ebda *shift* fil-prova f'dan ir-rigward izda l-uniku shift fil-prova li tesigi il-ligi hi li ikun is-sewwieq li jipprova li ghandu polza ta' assigurazjoni valida fil-mument meta jkun qed isuq *sic et simplicite*.

L-Avukat Generali fir-risposta tieghu jghid li fil-passaport tal-appellant l-ahhar timbru li hemm huwa ta' meta mar l-Iraq fis-sena 2024 u ghalhekk ma rnexxilux jipprova il-hrug u dhul tieghu fil-pajjiz antecidenti ghall-incident *de quo*. L-Avukat Generali jaghmel referenza ghal fatt li l-appellant stqarr taht gurament tieghu li huwa kien imur izur pajjizi Schengen tant li kien isiefer bil-catamaran ma shabu u li kien isiefer darbtejn jew tlieta fis-sena ma tikkostitiwix prova ghaliex ma hiex soretta bi prova dokumentarja. Dwar dan din il-Qorti ma taqbilx u dan ghaliex il-provi jistghu jkunu kemm dokumentarji kif ukoll orali. Il-fatt li bniedem jghid xi haga bil-gurament hija prova ta' dak il-fatt salv jekk ma jitwemminx jew addirtittura ma jigix provat li x-xhud ikun gideb u dan provat bi mezzzi ohra. F'dan il-kaz m'ghandhiex hekk ghandna l-appellant li jixhed u jghid li hu kien isiefer darbtejn jew tlieta fis-sena u l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova kuntrarja ghal dan. Veru li dan jista jkun difficli li tipprovah izda jibqa l-fatt li din hija prova li trid tingieb mill-prosekuzzjoni la qed taghmel din l-allegazzjoni *qui accusat onus protabit*

L-appellant setgha ma qal xejn u strah biss fuq il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni pero ma ghamilx hekk izda ghazel li jixhed jipprezenta dokumenti u dan bil-ghan li jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa kien qed isuq bil-licenzja tieghu tas-sewqan mahruga mis-Sirja skond il-ligi u dan ghaliex ma kienx ilu Malta ghal perijodu ta' sena intiera. Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija ricentement fl-

ismijiet **<u>The Police Vs Sunil Gurung</u>**[5] <u>fejn ukoll intqal li ma hemmx invesjoni ta' prova dwar din il-materja u cioe li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li dak li jkun is-sewwieq ma kienx Malta ghal perijodu intier ta' sena qabel ma jkun gie imwaqqaf.</u>

<u>Ghalhekk l-aggravju tal-appellant f'dan ir-rigward u cioe fir-rigward tas-sitt akkuza qed jigi milqugh.</u>

Fir-rigward tas-seba' akkuza fejn gie akkzuat li saq il-vettura MTS 111 meta ma kienx kopert bi polz ta' sigurta jinghad li una volta l-appellant kellu licenzja valida meta gie imwaqqaf mill-pulizija nhar l-15 ta' Frar 2022 jinghad ukoll li l-polza ta' sigurta mahruga minn Mapfre esebita fl-atti a fol 16 tkoprih ukoll ghaliex hija valida sat 1 ta' Jannar 2023 u l-unika kundizzjoni li kellha hi li s-sewwieq kellu jkun iktar minn hamsa u ghoxrin (25) sena u f'dan il-kaz ma hux kontstat li l-appellant ghandu iktar minn 25 sena bizzejjed jinghad li l-prosekuzzjoni stqarret fil-komparixxi li twieled fl-10 ta' Settembru, 1983.

Ghalhekk l-aggravju fir rigward tas-seba' akkuza qed tigi ukoll konfermata.

Fir-rigward tat-tmien akkuza li taghha nstab hati l-appellant u cioe dik kontravenzjnali u cioe li ghadda l-awrina fit triq din il-Qorti ghandha il-versjoni moghtija minn zewg ufficcjali tal-pulizija u cioe ta' PC 78 u PC 81 li t-tnejn jghidu li l-appellant inghata ordni sabiex ma jghaddix l-awrina mac-cint izda cio nonnostante dan mar u ghadda l-awrina tieghu. Fil-kaz ta' kontravenzjoni l-Qorti m'ghandha ghalfejn tipprova l-ebda intenzzjoni salv l-att materjali li f'dan il-kaz gie pruvat bix-xhieda tal-pulizija u ma gietx kontestata mid-difiza u ghalhekk din it-tmien akkuza tirrizulta ukoll ben provata kif tajjeb iddecidiet l-ewwel Qorti.

Fir-rigward tad-disgha akkuza u cioe talli offenda l-morali u dicenza pubblika ma hemmx dubbju li l-fatt li bniedem johrog l-organu tieghu f'post espost ghall-pubbliku

[5] Deciza l-10 ta' Lulju 2024

quddiem l-ufficcjali tal-pulizja jammonta ghar-reat in desamina. Din l-akkuza rrizultat provata ukoll.

Dwar l-ahhar ghaxar akkuza u cioe li naqas li jobdi l-ordni legittma tal-pulizija waqt li kienu nkarigati minn servizz pubbliku ukoll tirrizulta u dan meta l-ufficcjali tal-pulizija qalulu sabiex ma jmurx jghaddi l-awrina u cio nonnostante xorta mar. Ghalhekk din l-akkuza ukoll provata.

Konsegwentement din il-Qorti qed tikkonfema din il-parti tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn ma sabitx htija fir-rigward tal-ewwel u it-tielet akkuza u lliberatu minnhom, qeda tirrevokaha fir-rigward tas-sejba ta' htija fir-rigward tas-sitt u sebgha akkuza billi tilliberah minnhom u tikkonfermaha l-htija fir-rigward tal-akkuzi l-ohra u cioe it-tieni akkuza (2), r raba' (4) , il-hames (5) , it-tmien (8), id-disgha (9) u l-ghaxar (10) akkuza kif deciz mill-ewwel Qorti.

Peress li din il-Qorti laqghet parti mill-aggravji tal-appellant ser ikun hemm temperament fil-piena billi fir-rigward tal-akkuzi li sabitu hati taghhom u cioe it-tieni akkuza (2), r- raba (4) , il-hames (5) , it-tmien (8) , id-dsigha (9) u l-ghaxar (10) akkuza din il-Qorti ser tikkundannah multa ta' hames mitt euro ( €500) u tordna skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal xahar ai termini tla-rtikolu 30 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema terminu jibda jiddekorri mil-llum.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lil Onorevoli Minsitru tal-Gustizzja u riforma fil-Kostruzzjoni sabiex jara jekk hux il-lok li jkun hemm emenda fil-ligi fir-rigward l-ispostjar tal-onus f'dan it-tip ta reat.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Onor Imhallef**